Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 64/2013

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hija zzewget lill-intimat CD permezz ta' cerimonja religjuza fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija sitta u disghin (1996) (Certifikat taz-zwieg anness Dok. A).

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Liza Camilleri fl-erbgha (4) ta' Marzu ta-sena elfejn u tmienja (2008). (Kopja annessa Dok. B).

Illi l-partijiet kellhom zewg ulied minn dan iz-zwieg u cioe` L li twieled fit-23 ta’ Mejju 1996 u M li twieldet fit-8 ta’ Mejju 1998 (certifikati ta’ twelid annessi u mmarkati bhala Dok. « C » u « D » rispettivament) lkoll residenti mar-rikorrenti u li fir-rispett taghhom l-intimat jhallas manteniment.

Illi hija ddiskutiet mal-avukat tieghu Dottor Ian Micallef il-possibilta` ta’ rikonciljazzjoni u nghata mill-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta’ rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (Dikjarazzjoni annessa Dok. E), u kkonkluda li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaddew erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet,

Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha ma Roderick Hili hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta mahlufa tal-intimat, li permezz taghha ppremetta:

Illi l-esponent jiddikjara li huwa jaqbel mal-kontenut tar-rikors tar-rikorrenti Emma Hili u jikkonferma illi filwaqt illi huma sseparaw permezz ta’ kuntratt tan-Nutar Liza Camilleri tal-4 ta’ Marzu 2008 u li mid-data tieghu ghaddew aktar minn erba’ snin, ma hemmx prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaldaqstant l-esponenti ma jopponix ghat-talba ghal hal taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet kif dedotta fir-rikors guramentat tar-rikorrenti Emma Hili.
Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Frar, 2013;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Marzu 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi l-intimat dejjem hallas il-manteniment minnu dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------